MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 421/2002

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Charlo Tabone u l-istess Charlo Tabone**

**vs**

**Emmanuel Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-20 ta' Gunju, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara f'Paola fit-12 ta' Lulju, 1999 li fiha kienu nvoluti l-vettura BBJ 234 proprjeta' tal-assikurat tal-kumpanija assikurattrici attrici, u l-vettura GVP 127 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, u konsegwentement ighid ghaliex m'ghandhux ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn u

mija hamsa u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm2185.20) liema somma giet imhallsa mis-socjeta' attrici lill-assikurat taghha biex tikkompensah ghad-danni sofferti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, l-kollizzjoni saret unikament tor ta' l-attur u ghaldaqstant huwa jichad kwalunkwe allegazzjoni ta' responsabbilta' mressqa kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat fit-tarf ta' Santa Lucija Avenue Paola fejn hemm it-*traffic lights* bejn il-karozza BBJ 234 misjuqa minn Charlo Tabone u karozza tal-Pulizija GVP 127 tal-marka Hyundai Lantra misjuqa minn Emanuel Tabone. Mhuwiex kontestat li l-habta saret fl-inkrocju meta d-dwal kienu hodor favur l-attur Charlo Tabone. Gara illi dak il-hin il-karozza tal-Pulizija kienet sejra fuq xi incident fejn allura kellha l-*"beacon lights"* u s-serena mixghulin. Minkejja li fid-direzzjoni taghha t-*traffic lights* kienu homor, kien hemm xi vetturi li ndunaw b'dan u cedew il-vettura tal-pulizija minkejja li kellhom id-dritta. Fil-karreggjata fejn kien qed isuq Tabone mhux kulhadd induna b'din il-vettura tal-pulizija u baqghu hergin u l-istess ghamel Charlo Tabone. Hekk kif wasal fin-nofs tal-inkrocju sab il-karozza tal-Pulizija u sar l-incident. Is-Surgent li nvestiga l-kaz PS 947 xehed illi *"minhabba l-emergenza li kien hemm, is-*

*sewwieqa tal-lane opposta kellhom id-dritta u cedew lill-Pulizija biex tghaddi. L-ewwel tlett lanes ghamlu hekk u l-karozza tal-Pulizija bdiet ghaddejja. Ir-raba' lane pero' ma ndunawx u baqa' hiereg u saret il-kollizzjoni."* Dina forsi hija l-ahjar spjegazzjoni tad-dinamika ta' l-incident.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda s-sewqan ta' Charlo Tabone l-Qorti ma ssib xejn li huwa censurabbli. Dana kien qieghed fil-karreggjata tieghu. Ra li t-*traffic lights* kienu hodor u ghalhekk segwa l-karozzi ta' quddiemu. Il-kwistjoni li trid tindaga din il-Qorti hija safejn karozza tal-Pulizija tista' tibqa' ghaddejja fuq it-traffic lights minkejja li dawna jkunu homor anke jekk ikun hemm stat ta' emergenza.

Il-Qorti jidhrilha wara li ghamlet ezami tal-*Motor Vehicle Regulations* illi minn imkien ma jirrizulta illi karozza tal-pulizija anke fi stat ta' emergenza ghandha xi dritta fuq karozzi ohra mal-wasla tat-*traffic lights*. Jista' biss ikun hemm direzzjonijiet tal-pulizija illi minkejja dak illi qed jigi ndikat fit-*traffic lights*, il-vetturi jkunu diretti mod iehor. Hekk insibu per ezempju illi meta jkun hemm xi wasla ta' VIP il-pulizija jkunu stazjonati fid-diversi *junctions* fejn ikun hemm it-*traffic lights* u minkejja dak li qed jigi muri fid-dwal il-Pulizija xorta huma awtorizzati li jidderigu t-traffiku mod iehor. Din l-awtorizzazzjoni tohrog minn sections 100 u 100 (A) (3) tal-*Motor Vehicle Regulations*. Waqt *section* 100 ighid *"every person driving or having charge of a motor vehicle shall at all times immediately comply with any order given by the police for the purpose of regulating traffic".*

Is-*Sub section* 3 ighid *"vehicular traffic proceeding in accordance with the forgoing provisions of this regulation shall proceed with due regard of the safety of other users of the road and subject to the directives of the police or other duly authorized person who maybe engaged in the regulation of traffic."*

Minn dawn iz-zewg artikoli ghalhekk jirrizulta illi l-ordnijiet tal-pulizija jridu jkunu *"for the purpose regulating traffic"* u

dejjem *"with due regard to the safety of other users of the road".* F'dan il-kaz partikolari ma kienx hemm Pulizija jew xi hadd iehor awtorizzat li jidderigi t-traffiku ghajr id-dwal tat-*traffic lights*. Minkejja illi l-Pulizija kienu fuq il-qadi ta' dmirhom u f'emergenza, s-sewqan taghhom irid ikun dejjem soggett ghas-sigurta' ta' l-utenti l-ohra tat-triq. Il-*"beacon lights"* u s-serena mixghulin ma jfissirx li ghandhom iwarrbu ghal kollox kwalunkwe kuncett ghas-sigurta' ta' terzi u jibqghu ghaddejjin bhal li kieku t-triq hija taghhom. Filwaqt illi huwa minnu illi l-Pulizija jistghu jidderigu t-traffiku u jekk ikun hemm emergenza minkejja li t-*traffic lights* ikunu hodor jistghu jindikaw lill-karozzi jieqfu biex tghaddi karozza ohra fi istat ta' emergenza ma jfissirx li din ta' l-ahhar minghajr dawn id-direzzjonijiet tista' tassumi fuqha d-dritt li tibqa' ghaddejja bhal li kieku hi biss tezisti fit-triq. Din l-attitudini mhijiex tollerabbli u lanqas mhi awtorizzata mill-M*otor Vehicle Regulations.* Kif gia nghad il-karozzi tal-Pulizija huma wkoll soggetti ghal *Motor Vehicle Regulations* bhal kwalunkwe vettura ohra. Karozza tal-Pulizija fi stat ta' emergenza tkun awtorizzata illi twarrab id-direzzjonijiet moghtija mit-*traffic lights* basta illi hija tkun certa illi l-messagg taghha permezz tal-*"beacon lights"* u s-serena jkunu waslu ghand l-utenti l-ohra tat-triq, ikunu fehmu dak il-messagg u l-karozza tal-pulizija tkun tista' tkompli fi triqtha basta tkun certa illi dana tista' taghmlu minghajr il-perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Jekk din is-sitwazzjoni ma tkunx cara ghas-sewwieq tal-karozza tal-Pulizija dan m'ghandhux ikompli fit-triq tieghu hi x'hin hi l-emergenza. Ma jistax ikollok sitwazzjoni fejn minhabba emergenza jigi kreat perikolu li jista' jkun gravi ghall-utenti l-ohra tat-triq u b'hekk tigi krejata emergenza ohra.

F'din il-kawza l-karozza tal-Pulizija minkejja illi kellha l-*"beacon lights"* u s-serena mixghulin filwaqt illi kien hemm xi sewwieqa illi ndunaw b'dak illi kien qed jigri, milli jidher il-messagg ma wasalx ghand l-utenti kollha tat-triq peress illi kien hemm karreggjata shiha illi ma ndunawx b'dak illi kien qieghed jigri u ma ttihomx tort, ladarba t-*traffic lights* fid-direzzjoni taghhom kien ahdar, ipprocedew fit-triq taghhom skond kif indikat. Il-konvenut hawnhekk ma assikurax li l-messagg tieghu wasal ghand l-utenti kollha

tat-triq u ma messhux kompla fid-direzzjoni tieghu qabel ma jkun cert li wasal. Minkejja illi kien hemm xi lanes li cedewlu, ma kellhux jassumi li l-lanes kollha fehmu l-intenzjoni tieghu u ghalhekk jekk kien hemm xi lanes li waqfu ma jfissirx li b'daqshekk hu setgha jibqa' ghaddej bhal li kieku kulhadd fehem b'dak illi kien qed jigri. Din hija sitwazzjoni anomala fejn minkejja dak illi qed jigi ndikat mit-*traffic lights*, vettura tista' jkollha precedenza. Kif gia nghad din il-precedenza hija soggetta biss ghas-sigurta' tal-vetturi, persuni u utenti l-ohra tat-triq. Ladarba l-konvenut ma hax dawn l-assikurazzjonijiet allura ghandu jwiegeb ghad-danni subiti minhabba n-negligenza tieghu.

Ghal dawk illi huma d-danni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attrici pprezentat id-dokumenti kollha biex tiggustifika t-talba taghha. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi c-cifra ndikata fl-avviz ghandha tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut Emanuel Tabone unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fit-12 ta' Lulju, 1999 go Santa Lucija Avenue Paola bejn il-karozza BBJ 234 proprjeta' u misjuqa mill-attur Charlo Tabone, u GVP 127 misjuqa mill-konvenut Emanuel Tabone, minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni subiti mill-atturi fl-ammont ta' elfejn u mija hamsa u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm2185.20) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont likwidat lill-atturi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------